

Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14821/17

COEST 324

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant (Brussell, 24 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-Anness l-Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant fi Brussell, kif maqbul mill-parteciċipanti tas-Summit fl-24 ta' Novembru 2017 fi Brussell.

Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant

Brussell, 24 ta' Novembru 2017

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern u r-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Azerbajġan, ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, ir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u l-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern u r-rappreżentanti tal-Istati Membri tagħha ltaqgħu fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017. Il-President tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Konferenza tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant u l-Assemblea Parlamentari Euronest kienu preżenti wkoll għas-Summit.

1. Il-parteċipanti tas-Summit jikkonfermaw mill-ġdid l-importanza kbira li jagħtu lis-Sħubija tal-Lvant bħala dimensjoni speċifika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Huma jtennu l-impenn komuni tagħhom għal din is-Sħubija strateġika u ambizzjuża, imsejsa fuq valuri komuni, interessi u fehim reċiproċi, sjieda konġunta, responsabbiltà, differenzjazzjoni u responsabbiltà reċiproka, li tqarreb lill-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant lejn l-Unjoni Ewropea. Progress kostanti u effettiv fir-riformi hu kruċjali għas-suċċess kontinwu tas-Sħubija tal-Lvant.

2. Il-parteċipanti tas-Summit jimpenjaw rwieħhom mill-ġdid għat-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll il-prinċipji u n-normi tad-dritt internazzjonali, li huma fil-qalba tas-Sħubija tal-Lvant. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata fl-appoġġ tagħha għall-integrità territorjali, l-indipendenza u s-sovranità tas-sħab kollha tagħha. Ir-rispett sħiħ u l-ħarsien b'mod sħiħ tal-finijiet u l-prinċipji mnaqqxin fil-Karta tan-NU, fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 u fil-Karta ta' Pariġi tal-OSKE tal-1990 huma fundamentali għall-vizzjoni komuni tagħna għal Ewropa magħquda u fil-paċi. Il-parteċipanti fis-Summit jikkonfermaw mill-ġdid l-elementi u l-prinċipji mħaddna f'Dikjarazzjonijiet passati tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant u jenfasizzaw il-ħsieb sod tagħhom li jżommu l-impenji meħudin f'Summits preċedenti u fi ftehimiet bilaterali.
3. F'dan il-kuntest, huma jissottolinjaw li l-konsolidazzjoni u l-promozzjoni ta' valuri u prinċipji kondiviżi li huma impenjaw ruħhom għalihom huma prijorità ewlenija u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet imsaħħa bejn l-UE u s-sħab. Ir-rabtiet mibnija permezz tas-Sħubija tal-Lvant isaħħu lill-Unjoni Ewropea u lill-pajjiżi sħab flimkien u b'hekk ikunu jistgħu jindirizzaw sfidi komuni aħjar. Il-parteċipanti tas-Summit jaqblu li kooperazzjoni aktar b'saħħitha u li tħares 'il quddiem u djalogu politiku komprensiv huma essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi komuni kif ukoll jintlaħqu miri komuni.
4. Il-parteċipanti jenfasizzaw l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istat, dik ekonomika u tas-soċjetà kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab, u r-rwol tas-Sħubija tal-Lvant f'dan ir-rigward fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea kif spjegat ukoll fl-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u r-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

5. Is-Sħubija tal-Lvant tappoġġa t-twettiq tal-miri ta' politika globali ewlenin iffissati mill-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli għal soċjetajiet iggvernati sew, aktar għonja u responsabbli, u mill-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-parteciċipanti tas-Summit jirrikonoxxu li l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima huwa fost l-akbar sfidi ta' żmienna li jeħtieġ sforzi konsolidati mill-partijiet interessati kollha. Jikkonfermaw l-importanza ta' soċjetà ċivili haġja u tal-ugwaljanza bejn is-sessi biex joħroġ il-potenzjal ekonomiku u soċjali sħiħ tas-soċjetajiet tagħhom, filwaqt li jittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
6. Il-parteciċipanti tas-Summit għadhom imħassba bil-kbir dwar il-ksur kontinwu tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali f'bosta partijiet tar-reġjun. Il-parteciċipanti tas-Summit jappellaw għal sforzi mġedda favur il-promozzjoni tar-risoluzzjoni paċifika tal-konflitti mhux solvuti fir-reġjun abbażi tal-prinċipji u n-normi tad-dritt internazzjonali. Ir-risoluzzjoni tal-konflitti, il-bini tal-fiduċja u relazzjonijiet tajbin bejn il-pajjiżi ġirien huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomiċi u soċjali. Il-parteciċipanti tas-Summit jilqgħu l-isforzi u r-rwol imsaħħaħ tal-UE fir-risoluzzjoni tal-konflitti u fit-tisħiħ tal-fiduċja fil-qafas jew b'appoġġ għall-formati u l-proċessi ta' negozjar maqbula eżistenti, inkluż permezz ta' preżenza fuq il-post, meta jkun adatt.
7. Il-parteciċipanti jisħqu li s-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li tibni żona komuni ta' demokrazija, prosperità, stabbiltà u kooperazzjoni akbar maqsuma bejn il-pajjiżi u mhi diretta kontra ħadd. Fejn rabtiet ma' sħab oħra jitolbu involviment aktar mifrux u jagħtu kontribut għall-oġettivi ta' attivitajiet partikolari u għall-oġettivi ġenerali tas-Sħubija tal-Lvant, kooperazzjoni skont il-każ tista' tkun miftuħa għal pajjiżi terzi. Huma jtennu d-dritt sovrani ta' kull sieħeb li jagħżel il-livell ta' ambizzjoni u l-miri li jaspira għalihom fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

8. Il-parteċipanti tas-Summit jilqgħu l-kisbiet tas-Sħubija tal-Lvant sa issa u d-differenzjazzjoni msaħħa fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u kull wieħed mill-pajjiżi sħab. L-ambitu u l-profondità tal-kooperazzjoni huma determinati mill-ambizzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-UE u tas-sħab, kif ukoll mill-pass u l-kwalità tar-riformi.
9. Il-parteċipanti tas-Summit ifaħħru d-dħul fis-seħħ b'mod sħiħ tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs) mal-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u, l-aktar reċenti, mal-Ukrajna wara d-deċiżjoni ta' Diċembru 2016 mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE.
10. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti tas-Summit jagħrfu l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tas-sħab ikkonċernati, kif iddikjarat fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-ftehimiet jipprevedu l-aċċellerazzjoni tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika mal-Unjoni Ewropea. Il-parteċipanti tas-Summit jilqgħu l-appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, filwaqt li tiġi ppreservata l-inklużività tas-Sħubija tal-Lvant, hu l-waqt li jsiru diskussjonijiet konġunti mas-sħab tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/DCFTAs dwar il-progress, l-opportunitajiet u l-isfidi li jikkonċernaw ir-riformi marbutin mal-assoċjazzjoni, kif intalab minn dawn is-sħab, u bl-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/DCFTAs.
11. Il-parteċipanti tas-Summit jilqgħu l-iffirmar ta' Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Armenja fil-marġini tas-Summit. Il-parteċipanti jilqgħu progress tajjeb fin-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ażerbajġan għal ftehim qafas ġdid. Japprezzaw li l-involvement kritiku tal-UE mal-Belarussja sar aktar komprensiv, inkluż fi ħdan il-Grupp ta' Koordinazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja, id-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Djalogu dwar il-Kummerċ.

12. Il-parteċipanti tas-Summit jilqgħu l-appoġġ kontinwu tal-UE lis-Sħubija tal-Lvant permezz ta' użu sħiħ u mmirat tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat, inkluż programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali, u strumenti finanzjarji disponibbli oħrajn. L-appoġġ finanzjarju tal-UE ser jingħata lil sħabha bil-kondizzjoni li jsiru passi konkreti ta' riforma. L-approċċ tal-UE bbażat fuq l-inċentivi ("aktar għal aktar") ser jibqa' jkun ta' ġid għal dawk is-sħab l-aktar involuti f'riformi. Il-Pjan ta' Investiment Estern jagħti opportunitajiet ġodda ta' finanzjament, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, li huwa mistenni jimmobilizza ammonti sinifikanti ta' investiment.
13. Il-parteċipanti jistennew b'interess li jkomplu jżidu d-dinamiżmu u l-effiċjenza tal-kooperazzjoni aktar mifruxa u approfondita tagħna tas-Sħubija tal-Lvant, b'attenzjoni speċjali għall-benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini. Huma jfakkru fl-importanza li jissaħħaħ l-għarfien pubbliku dwar il-programmi tal-UE li qed jikkontribwixxu għal dan l-għan.
14. Il-parteċipanti tas-Summit jilqgħu l-20 Riżultat għall-2020 li mistennija jagħtu riżultati tanġibbli b'mod trasparenti u inklużiv kif ukoll isaħħu r-reżiljenza *[kif ippreżentati fl-Anness I]*. Huma jistennew b'interess li jżidu l-kooperazzjoni fl-istruttura multilaterali riveduta tas-Sħubija tal-Lvant *[kif ippreżentata fl-Anness II]*, li ser tappoġġa aħjar l-oġettivi politiċi li għalihom taħdem is-Sħubija, inkluż il-kooperazzjoni reġjonali fost is-sħab. Huma ser jiżviluppaw approċċ aktar integrat, parteċipattiv, transettorjali u orjentat lejn ir-riżultati għal din il-kooperazzjoni. Il-parteċipanti jissottolinjaw ir-rwol ta' laqgħat ministerjali fl-għoti ta' gwida politika għall-involviment f'varjetà ta' setturi.

15. Il-parteċipanti tas-Summit jisħqu li l-governanza tajba fil-livelli kollha hi kruċjali biex in-nies jafdaw fil-gvernijiet tagħhom. L-implimentazzjoni tar-riformi fl-amministrazzjoni pubblika u fil-ġudikatura, kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jirfdu l-politiki l-oħrajn kollha marbutin ma' dan u huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. Il-parteċipanti jaqblu li t-trawwim tas-sigurtà tal-bniedem, li tiddependi wkoll fuq l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet effettivi, responsabbli, trasparenti u demokratiċi ser inaqqs il-vulnerabbiltajiet tas-soċjetà. Il-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-UE fir-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, it-tfixkil tal-kriminalità organizzata, it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin tal-bnedmin, l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż permezz ta' djalogu interreliġjuż u interkulturali, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, it-tisħiħ tal-prevenzjoni tad-diżastri u r-rispons għalihom u l-immaniġġar ta' kriżijiet ser itejbu l-abbiltà tal-pajjiżi sħab li jlaħħqu mal-isfidi ffaċċati minnhom. Il-parteċipanti tas-Summit qablu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva bejn pajjiżi sħab interessati u korpi rilevanti tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq. Il-parteċipanti tas-Summit jenfasizzaw l-importanza li, fejn xieraq, jissaħħaħ id-djalogu dwar is-sigurtà u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-PSDK, u b'rabta ma' dan jilqgħu l-kontribut siewi tas-sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE.

16. Il-parteċipanti tas-Summit iqisu li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-appoġġ għal proċessi ta' trasformazzjoni huma fil-qalba tal-ħidma konġunta għall-istabbiltà u r-reżiljenza fil-viċinat Ewropew. L-elaborazzjoni ta' politika ekonomika u oqfsa regolatorji sodi, inkluż bl-isforzi influwenti tal-Unjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, ser tgħin biex jinholq ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' ekonomiji kompetittivi, ekoloġiċi, diġitalizzati u xprunati mill-innovazzjoni, u li jattira l-investment, johlq l-impjiegi, u li jippromwovi tkabbir sostenibbli inklużiv u aktar kummerċ mal-UE u fost il-pajjiżi sħab, anke bil-ħsieb li jitjiebu l-isforzi tas-sħab lejn l-użu sħiħ taż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles eżistenti. B'rabta ma' dan, huma jilqgħu r-riżultati tar-Raba' Forum tan-Negożju tas-Sħubija tal-Lvant f'Ottubru 2017 f'Tallinn. L-appoġġ lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju billi, fost oħrajn, jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal self bil-munita lokali, kif ukoll l-appoġġ għal aċċess akbar għall-broadband b'veloċità għolja u l-progress fit-tnaqqis tat-tariffi tar-roaming bejn il-pajjiżi sħab u possibbilment, fi stadju aktar tard, mal-UE ser ikunu ta' importanza partikolari. F'dan ir-rigward, il-parteċipanti tas-Summit jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tal-Armonizzazzjoni tas-Swieq Diġitali, sabiex jestendu l-benefiċċji tas-Suq Uniku Diġitali għall-pajjiżi sħab.

17. Minħabba l-importanza tal-konnettività, il-parteċipanti jaqblu li konnessjonijiet ta' trasport aħjar u aktar sikuri jagħtu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp u jagħmlu possibbli komunikazzjoni u skambji aktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab u fost il-pajjiżi sħab infushom. Filwaqt li jibnu fuq l-impatt pożittiv tal-Ftehimiet dwar Żoni ta' Avjazzjoni Komuni mal-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova, il-parteċipanti tas-Summit ifakkru fl-importanza li jiġi konkluż Ftehim dwar Żona ta' Avjazzjoni Komuni mal-Ukrajna fl-aktar data kmieni possibbli, kif ukoll jesprimu l-appoġġ tagħhom għat-tlestija rapida tan-negozjati ta' tali ftehimiet mal-Armenja u mal-Ażerbajġan. Huma jagħtu importanza lill-intermodalità u l-interoperabilità tas-sistemi ta' trasport, lil konnessjonijiet imtejba man-network TEN-T fost il-modi kollha ta' trasport u jistennew b'interess l-iffirmar tal-Intendimenti fuq Livell Għoli bejn l-UE u l-pajjiżi sħab li jiddefinixxu l-mapep indikattivi fuq in-networks ewlenin. Il-parteċipanti tas-Summit jirrikonoxxu l-importanza ta' enerġija sigura, sostenibbli, affidabbli u affordabbli għal kulħadd u jinnotaw l-importanza tas-sigurtà tal-provvista u tad-diversifikazzjoni tas-sorsi, tal-fornituri u r-rotot tal-enerġija u jenfasizzaw il-bżonn li jaġixxu f' spirtu ta' solidarjetà u inklużività għal dan il-għan. Tkun milqugħa kooperazzjoni attiva tal-pajjiżi sħab fl-istabbiliment tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea. Huma impenjati li jagħtu spinta lis-sigurtà tal-enerġija permezz ta' interkonnessjonijiet u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-enerġija, inkluż effiċjenza akbar fl-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli, u li jnaqqsu d-dipendenza u jsaħħu r-reżiljenza. Il-parteċipanti jisħqu wkoll li jridu jitħarsu kif xieraq l-ogħla standards internazzjonali ta' sikurezza nukleari u protezzjoni ambjentali.
- Il-parteċipanti tas-Summit jenfasizzaw l-impenn tagħhom għal transizzjoni lejn ekonomiji aktar ekoloġiċi, effiċjenti u sostenibbli u għal adattament akbar għat-tibdil fil-klima u l-isforzi ta' mitigazzjoni tiegħu, kif ukoll għall-indirizzar tal-isfidi ambjentali. L-implimentazzjoni f'waqtha ta' ftehimiet multilaterali u r-riformi komprensivi f'dawn l-oqsma jibqgħu kruċjali.

18. Il-kuntatti bejn in-nies, fost oħrajn permezz ta' skambji edukattivi, għaż-żgħażaġh, kulturali u xjentifiċi, u l-mobbiltà jqarrbu lis-soċjetajiet. Il-parteciċipanti tas-Summit jilqgħu l-implimentazzjoni effettiva tas-sistemi mingħajr viża għar-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna. Huma ħerqana li jsaħħu l-kooperazzjoni u javvanzaw ulterjorment fil-qasam tal-mobbiltà, f'ambjent sigur u mmaniġġjat sew u li jikkunsidraw fi żmien debitu l-ftuħ tad-dialogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi mal-Armenja, dment li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet għal mobbiltà mmaniġġjata sew u sigura, inkluża l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viżi u ta' riammissjoni bejn il-Partijiet. Il-parteciċipanti jistennew b'interess involviment akbar mas-sħab kollha fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u t-titjib tal-prestazzjoni tal-kwalità u l-kompetittività tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat rispett għad-drittijiet diġà eżerċitati ta' persuni minn minoranzi nazzjonali kif imnaqqxa fil-Konvenzjonijiet tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa u l-protokolli relatati, in-nondiskriminazzjoni ta' persuni minn minoranzi u r-rispett għad-diversità u l-kunsiderazzjoni sħiħa tal-għarfien espert tal-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa meta ssir riforma ta' dawn is-sistemi. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-appoġġ għall-ġenerazzjoni żagħżugħa u r-responsabbilizzazzjoni tagħha, kif enfasizzat fit-Tielet Forum taż-Żgħażaġħ tas-Sħubija tal-Lvant f'Ġunju 2017 f'Varsavja, partikolarment f'termini tal-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom, l-impenn ċiviku u s-solidarjetà, aktar mobbiltà akkademika u t-trawwim tal-impjegabbiltà u l-ispirtu intraprenditorjali tagħhom permezz ta' qafas komprensiv ta' politika dwar iż-żgħażaġh u l-pakkett marbut maż-żgħażaġh ippreżentat mill-UE.

19. Il-parteċipanti tas-Summit jissottolinjaw ir-rwol importanti moqdi minn ambjent tal-media li jaħdem sew u mil-libertà tal-kelma f'soċjetà demokratika, reżiljenti u għanja. Jagħrfu l-ħtieġa li jingħata aktar appoġġ lill-media indipendenti, il-professjonaliżmu tal-media, kif ukoll il-litteriżmu medjatiċi fis-Sħubija tal-Lvant. Jaqblu wkoll dwar il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-isforzi ta' komunikazzjoni strateġika, u li ssir ħidma biex tiġi promossa l-viżibbiltà tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll li jiżdied l-għarfien tal-pubbliku dwar informazzjoni qarrieqa u li din tinkixef. B'rabta ma' dan, huma jilqgħu l-kontribut tat-Tieni Konferenza tal-Media tas-Sħubija tal-Lvant f'Settembru 2017 f'Kiev.
20. Il-parteċipanti tas-Summit itennu l-importanza għas-Sħubija tal-Lvant tal-involvement inklużiv tal-partijiet kollha tas-soċjetà. Huma impenjati għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, kif previst mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. L-involvement mas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, u l-ħidma ta' kuntatt aktar mifruxa u appoġġ immirat lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali fil-livell lokali, jibqgħu parti integrali minn din is-Sħubija kif ġie enfasizzat mill-Konferenza tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant f'Ottubru 2017 f'Tallinn. Huma jilqgħu r-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz tal-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP) biex l-oġettivi tas-Sħubija jimxu 'l quddiem fil-livell ta' governanza li huwa l-eqreb tan-nies. Il-parteċipanti tas-Summit jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni, id-djalogu u l-promozzjoni tal-iskambji interparlamentari aktar mill-qrib fi ħdan l-Assemblea Parlamentari EURONEST, filwaqt li jiġi rikonoxxut f'dan il-kuntest it-twaqqif mill-Bureau tiegħu ta' "Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni".
21. Il-parteċipanti tas-Summit jistennew b'interess il-laqgħa li jmiss tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant previst fl-2019 fejn biħsiebhom jeżaminaw l-implimentazzjoni tar-riżultati tanġibbli tas-Sħubija tal-Lvant u jagħtu gwida biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-Sħubija tal-Lvant.

Anness I – 20 riżultat tanġibbli għall-2020

Ir-riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini tagħna huma fiċ-ċentru tal-impenn tagħna mas-Sħubija tal-Lvant. Fil-qafas tal-erba' prijoritajiet maqbula fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Riga fl-2015, ġew identifikati 20 qasam ewlieni b'miri għall-2020. It-tisħiħ tar-reżiljenza komuni tagħna wera t-triq għall-għażla tar-riżultati konkreti.

L-20 Riżultat għall-2020 huma maħsuba bħala għodda ta' ħidma mfassla b'mod inklużiv mal-partijiet ikkonċernati kollha. Struttura simplifikata għall-kooperazzjoni multilaterali fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant ser tissorvelja mill-qrib u b'mod regolari l-implimentazzjoni tar-riżultati li ntlaħaq qbil dwarhom b'mod orjentat lejn ir-riżultati, komprensiv u sistematiku, filwaqt li tiżgura sjieda komuni u impenn konġunt kif ukoll komplementarjetà mal-prijoritajiet bilaterali.

Riżultati trasversali

1. Soċjetà ċivili ħajja hi kruċjali għan-nisġa demokratika tas-soċjetà, għal governanza pubblika trasparenti, għall-iżvilupp tas-settur privat, għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, għall-ħarsien ambjentali, għall-innovazzjoni soċjali, għall-mobbiltà u għall-kuntatti bejn in-nies. Is-soċjetà ċivili hi sieħeb indispensabbli għall-gvern bħala xprun għar-riforma u promotur tal-obbligu ta' rendikont. Jekk jissaħħu l-għarfien espert tekniku u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom is-sħab soċjali, il-valur tad-djalogu ta' politika u tat-teħid tad-deċiżjonijiet orjentat lejn ir-riżultati fil-pajjiżi sħab jiżdied.

2. L-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni ser jippermettu lill-pajjiżi sħab jieħdu vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ekonomiku u soċjali fis-soċjetajiet tagħhom. Il-ħidma għal komunikazzjoni sħiħa mas-soċjetajiet fil-pajjiżi sħab, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016-2020, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-prinċipji kontra d-diskriminazzjoni, ser tissokta. L-UE ser tappoġġa l-mogħdija tal-leġislazzjoni rilevanti u t-twaqqif u t-tisħiħ ta' korpi effettivi ta' ugwaljanza. Il-programm Nisa fin-Negożju ser jagħti spinta lill-prospetti ekonomiċi tal-intraprendituri nisa.
3. Komunikazzjoni strateġika msaħħa, aktar ċara u mfassla apposta, inkluż permezz tal-attivitajiet ta' Stratcom EAST, ser twassal biex l-Unjoni Ewropea tinftiehem aħjar miċ-ċittadini fil-viċinat tal-Lvant, kif ukoll biex il-pajjiżi sħab u s-Sħubija tal-Lvant jinftiehem aħjar miċ-ċittadini tal-UE. L-appoġġ għall-pluralità tal-media u għall-indipendenza tagħha fil-pajjiżi sħab ser ikompli jsaħħaħ l-obbligu ta' rendikont, kif ukoll ir-reżiljenza kontra informazzjoni qarrieqa.

Żvilupp ekonomiku u opportunitajiet tas-suq

4. Il-potenzjal ta' tkabbir tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) tal-pajjiżi sħab ser joħroġ permezz tal-programm EU4Business, programmi xierqa ta' appoġġ nazzjonali kif ukoll it-titjib tal-ambjent għall-funzjonament tal-SMEs fil-pajjiżi sħab. L-istituzzjonalizzazzjoni tad-dialogu bejn is-settur pubbliku u dak privat, l-għajnuna lil organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negożju orjentati lejn il-klijenti u l-ħolqien ta' netwerk diplomatiku ekonomiku reġjonali għdid biex tiżdied il-promozzjoni tal-kummerċ u l-investiment fil-viċinat tal-Lvant ser ikomplu jsaħħu l-potenzjali għal tkabbir ekonomiku sostenibbli.

5. In-nuqqasijiet fl-aċċess għall-finanzjament u l-infrastruttura finanzjarja ser jiġu indirizzati biex b'mod effettiv jinkisbu żvilupp u trasformazzjoni ekonomiċi sostenibbli. L-isforzi biex is-swieq kapitali jiġu approfonditi u jitwessgħu ser jiġu appoġġati, fost affarijiet oħra, permezz ta' programmi pilota għar-riformi tas-swieq kapitali. Ser jiġu appoġġati reġistri tal-kreditu effiċjenti u sorsi alternattivi ta' finanzjament biex jiġi ffaċilitat l-investiment u tiżdied l-esportazzjoni. Dawn ir-riformi ser jinkoraġġixxu ż-żieda fis-self bil-munita lokali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituzzjonijiet ta' Finanzjament Internazzjonali.
6. Opportunitajiet ġodda ta' impjiegi fil-livelli lokali u reġjonali ser jiġu appoġġati bl-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE bil-għan li tiġi ddiversifikata l-attività ekonomika u jitnaqqsu d-disparitajiet, speċjalment fost iċ-ċittadini żgħażaġħ. L-inizjattiva l-ġdida Sindki għat-Tkabbir Ekonomiku ser tgħin biex jiġu mmobilizzati l-awtoritajiet lokali għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp ekonomiku lokali intelliġenti. L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp reġjonali, fosthom fl-agrikoltura, ser ikomplu jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
7. L-Armonizzazzjoni tas-Swieq Diġitali fost il-pajjiżi sħab u mal-UE ser titrawwem fil-qafas tal-inizjattiva EU4Digital, biex jitneħħew ix-xkiel u l-ostakli eżistenti ta' servizzi pan-Ewropej fuq l-internet għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u n-negozji. F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni ser tiffoka fuq l-appoġġ għall-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali tat-telekomunikazzjoni, fl-armonizzazzjoni tal-allokazzjoni tal-ispettru u l-ipprezzar tar-roaming, fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-iżvilupp tal-broadband, fiċ-ċibersigurtà, fl-innovazzjoni diġitali, fis-servizzi u l-ħiliet diġitali interoperabbli tas-Saħħa Elettronika u fl-ittestjar ta' firem elettroniki transkonfinali, fil-kummerċ elettroniku u l-Kurituri tat-Trasport Diġitali.

8. Il-kummerċ bejn l-UE u l-pajjiżi sħab, kif ukoll bejn il-pajjiżi sħab, ser jiġi appoġġat, fost affarijiet oħra, permezz tal-implimentazzjoni ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi għat-tliet sħab ikkonċernati l-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina. B'mod differenzjat, l-UE ser tkompli tiddiskuti b'mod konġunt ma' kull wieħed mill-pajjiżi sħab, fosthom l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Belarużsja, għażliet attraenti u realistiċi biex jissaħħaħ il-kummerċ reċiproku u jiġi mħeġġeġ l-investiment biex jiġu riflessi l-interessi komuni, il-politika riformata dwar l-investiment fir-rigward tal-protezzjoni tal-investiment, kif ukoll ir-regoli kummerċjali internazzjonali u l-istandards internazzjonali marbutin mal-kummerċ, inkluż fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, u biex jingħata kontribut għall-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-ekonomiji.

It-tiżiż tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba

9. L-istat tad-dritt u l-mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni ser jissaħħu billi jiġi appoġġat il-ħolqien u l-iżvilupp ulterjuri ta' strutturi sostenibbli għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għat-tiżiż tat-trasparenza u għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. F'dan il-kuntest ser issir idma għal sistemi effettivi ta' dikjarazzjoni tal-assi u tal-konflitti ta' interess b'bażijiet ta' data li jkun faċli jsir tiftix fihom, passi lejn l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, l-indipendenza ta' korpi kontra l-korruzzjoni, l-iżvilupp ta' oqfsa legali u mekkaniżmi għall-irkupru u l-ġestjoni tal-assi u għodod effettivi għal investigazzjonijiet finanzjarji.

10. L-implimentazzjoni ta' riformi kruċjali f'konformità ma' standards Ewropej dwar l-indipendenza, l-imparzjalità, l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont tal-ġudikatura, inkluż l-istabbiliment ta' għodod elettroniċi rilevanti, pereżempju, għall-allokazzjoni ta' kawżi skont kriterji stabbiliti minn qabel, ser tkun ta' importanza kruċjali. Rekord ta' ħatriet u promozzjoni tal-imħallfin b'mod trasparenti u bbażat fuq il-mertu, każijiet dixxiplinarji rrapportati, aċċess imtejjeb għall-ġustizzja, taħriġ komprensiv u effettiv tal-ġudikatura, tnaqqis sostanzjali tal-kawżi ċivili u kriminali li jakkumulaw u infurzar imtejjeb tas-sentenzi, kif imkejla b'sett maqbul ta' indikaturi, ser jikkontribwixxu għall-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet tal-Istat.
11. L-implimentazzjoni tar-Riformi tal-Amministrazzjoni Pubblika f'konformità mal-prinċipji internazzjonali sabiex tiġi stabbilita amministrazzjoni pubblika professjonali, depolitiċizzata, etika u b'obbligu ta' rendikont ser tkun ta' importanza kbira. Strateġiji fil-livell nazzjonali konformi mal-prinċipji internazzjonali, leġiżlazzjoni mtejjba dwar is-servizz ċivili, aċċess pubbliku għall-informazzjoni, amministrazzjonijiet aċċessibbli u orjentati lejn is-servizz, sorveljanza baġitarja msaħħa u qafas istituzzjonali mtejjeb għall-istatistika uffiċjali ser juru li sar progress f'dan il-qasam. Ser tiġi esplorata l-possibbiltà ta' skema ta' taħriġ b'monitoraġġ waqt ix-xogħol għall-impjegati taċ-ċivil.
12. Kooperazzjoni aktar b'saħħha fil-qasam tas-sigurtà u l-ġestjoni tar-riskji ta' diżastri ser tappoġġa lis-sħab biex ikunu mħejjija aħjar biex iwieġbu għal kriżijiet u diżastri. Permezz tal-appoġġ, fost affarijiet oħra għall-bini ta' kapaċità għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, is-sħab ser ikunu aktar reżiljenti għal theddid ibridu, inkluż iċ-ċibersigurtà u l-mitigazzjoni ta' riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari jew ta' oriġini kriminali, aċċidentali jew naturali. It-tisħiħ tad-djalogu dwar is-sigurtà u l-kooperazzjoni Prattika fil-PSDK, inkluż it-titjib ta' opportunitajiet ta' taħriġ u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni/Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni (PSDK/PESK), ser jappoġġa l-kontributi mill-pajjiżi sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari Ewropej.


13. Il-progress fl-estensjoni tan-Netwerk ewlieni trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), inkluż toroq, ferroviji, portijiet u ajruporti u passaġġi fuq l-ilma interni ser jiġi attivament appoġġat skont pjan ta' azzjoni indikattiv għal investiment fit-tul biex in-netwerk TEN-T jitlesta sal-2030. L-implimentazzjoni tal-ħoloq meħtieġa fuq in-netwerk ewlieni estiż u t-tneħħija ta' punti ta' konġestjoni fil-katina loġistika inkluż permezz tat-titjib tal-effiċjenza tan-netwerks eżistenti tat-trasport ser jiffaċilitaw komunikazzjoni aktar faċli tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw skambji ekonomiċi. Aktar flussi u flussi sostenibbli tat-trasport tal-merkanzija ser jiġu ffaċilitati permezz ta' aktar effiċjenza tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri u billi jitnaqqsu ostakli amministrattivi, tekniċi u oħrajn. It-titjib fis-sikurezza tat-toroq u passi 'l quddiem fil-Ftehimiet dwar Żona ta' Avjazzjoni Komuni ser ikompli jsaħħu l-interkonnettività tat-trasport.
14. Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ser tiżdied permezz ta' interkonnettività akbar tal-gass u tal-elettriku fost il-pajjiżi sħab u bejnhom u l-UE. L-inizjattiva EU4Energy ser tappoġġa livell ogħla ta' effiċjenza u trasparenza tas-swieq tal-enerġija. Ser ikompli jingħata appoġġ lill-kooperazzjoni li għaddejja bħalissa fi ħdan il-Komunità tal-Enerġija, li ser jassisti lis-sħab tal-Lvant biex jilħqu l-impenji rilevanti tagħhom. F'dan il-kuntest, l-immodernizzar tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-ħażniet Ukreni tal-gass, li jsir operattiv il-Kuritur strateġiku tal-Gass tan-Nofsinhar u l-estensjoni ulterjuri tiegħu lejn l-Asja Ċentrali, l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-gass Ungheni- Chişinău u Hermanowice-Bilche Volytsia, it-tiżiż tal-interkonnessjoni tal-elettriku bejn il-Georgia u l-Armenja kif ukoll li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet għall-integrazzjoni potenzjali tas-sistemi tal-enerġija tal-Ukrajna u l-Moldova mal-grilja Ewropea ser juru impenn konġunt u progress f'dan il-qasam.

15. Ser jittieħdu passi deċiżivi biex jiġu segwiti pjanijiet reżiljenti għall-klima ta' tkabbir b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. Dawn il-passi ser jinkludu l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima permezz tal-programm tal-Patt tas-Sindki, l-appoġġ għall-SMEs għal effiċjenza sostenibbli, l-iżgurar ta' sinerġiji bejn EU4Business, EU4Energy u EU4Innovation, il-ftuħ għall-aċċessibbiltà ta' finanzjament ta' investimenti ekoloġiċi, l-appoġġ għat-tnejn ta' strateġiji nazzjonali għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, kif ukoll l-istabbiliment ta' verifika, rappurtar u monitoraġġ tal-emissjonijiet nazzjonali u iżjed sforzi fl-iżvilupp ta' politiki nazzjonali ta' adattament.
16. Il-ħarsien ambjentali, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima ser jissaħħu billi jittejjbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u l-kooperazzjoni transkonfinali, billi l-miri ambjentali u dawk marbutin mal-klima jiġu integrati f'politiki settorjali, billi tiġi żviluppata governanza ambjentali tajba u billi jissaħħaħ l-għarfien dwar l-ambjent. Ser jiġi żgurat appoġġ għat-transizzjoni għal ekonomija aktar ekoloġika u aktar ċirkolari. L-iżvilupp ta' pjanijiet għall-ġestjoni tal-baċir tax-xmajjar, l-identifikazzjoni ta' riskji ambjentali għall-Baħar l-Iswed, l-iżvilupp ta' leġislazzjoni għal valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi u valutazzjonijiet tal-impatt, l-aċċess imtejjeb għal data ambjentali u l-promozzjoni ta' sfruttament sostenibbli tar-riżorsi haġġin tal-baħar ser ikunu fost il-passi ewlenin f'dan il-qasam.

Il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni

17. Il-progress fil-mobbiltà ser jiġi promoss permezz tal-monitoraġġ tal-ħarsien kontinwu tal-parametri ta' referenza għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, billi jiġi kkunsidrat, fiż-żmien xieraq, jekk il-kundizzjonijiet jippermettu, il-ftuħ ta' Djalogu dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża mal-Armenja u l-Ażerbajġan rispettivament, dment li jkunu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal mobbiltà mmaniġġjata sew u sigura, inkluż l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Viża u ta' Riammissjoni bejn il-Partijiet, u minbarra dan permezz tal-konklużjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u l-Ftehim ta' Riammissjoni mal-Belarużja. Ser ikompli jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tas-Sħubijiet ta' Mobbiltà eżistenti fost oħrajn bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-pajjiżi sħab. L-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri permezz ta' netwerk modernizzat ta' punti ta' qsim tal-fruntieri fost il-pajjiżi sħab u bejnhom u l-Istati Membri tal-UE ser tiffaċilita l-mobbiltà, filwaqt li żżid is-sigurtà, u tagħti kontribut għal flussi akbar ta' kummerċ.
18. L-investiment fil-ħiliet, l-intraprenditorija u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh ser tissaħħaħ b'mod sostanzjali, partikolarment b' "Pakkett għaż-Żgħażaġħ" imsaħħaħ ippreżentat mill-UE fil-qafas tal-inizjattiva EU4Youth, li ser jinkludi skema ġdida ta' mobbiltà għaż-żgħażaġh u azzjonijiet immirati permezz ta' pjanijiet direzzjonali għall-involviment taż-żgħażaġh b'attenzjoni partikolari għat-tmexxija, il-mobbiltà u l-kwalità tal-edukazzjoni formali u mhux formali. Iż-żgħażaġh u dawk li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażaġh ser jieħdu vantaġġ minn aktar opportunitajiet ta' mobbiltà fil-qafas tal-programm Erasmus+. Is-sehem tal-pajjiżi sħab fil-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva, COSME, u Orizzont 2020 jagħti opportunitajiet ġodda ta' mobbiltà għall-universitajiet, l-amministrazzjonijiet, in-negozji, il-professjonisti, l-operaturi kulturali u awdjoviżivi, iż-żgħażaġh, l-istudenti u r-riċerkaturi u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' industriji kulturali u kreattivi. Fejn rilevanti u applikabbli ser tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-programmi tal-UE.

19. Ser titwaqqaf Skola Ewropea tas-Sħubija tal-Lvant, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet tal-Istati Membri tal-UE, biex tagħti edukazzjoni ta' kwalità għolja lil studenti mill-pajjiżi sħab, iżżid l-opportunitajiet edukattivi u ta' xogħol tagħhom, tippromwovi l-kooperazzjoni, l-għarfien multikulturali, it-tolleranza, il-valuri fundamentali, l-għarfien aħjar tal-Unjoni Ewropea u l-involviment tagħha fir-reġjun, kif ukoll issaħħaħ il-ħiliet lingwistiċi. Network ta' universitajiet mill-pajjiżi sħab ser jikkonċentra fuq l-eċċellenza fit-tagħlim.
20. L-integrazzjoni tas-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant u l-UE ser tiġi promossa permezz ta' inizjattiva ġdida ta' EU4Innovation, bil-għan li jitjiebu l-prospetti tax-xogħol u l-karriera tar-riċerkaturi, li r-riċerka u l-innovazzjoni jiġu ffinanzjati fuq bażi kompetittiva u jitrawmu sħubijiet bejn ir-riċerka u l-industrija. L-involviment ser ikollu l-għan li l-pajjiżi sħab rilevanti jkollhom aċċess sħiħ għall-iskemi ta' finanzjament kollha ta' Orizzont 2020 għal riċerkaturi individwali. Ir-riformi tas-sistemi pubbliċi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni ser itejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività. L-integrazzjoni fin-network pan-Ewropew GEANT li jorbot in-Networks Nazzjonali kollha ta' Riċerka u Edukazzjoni madwar l-Ewropa ser tkompli tnaqqas il-qasma diġitali.
-



Biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-istruttura simplifikata ġdida tas-Sħubija tal-Lvant u l-koerenza tal-azzjoni tagħha, skont id-direzzjoni strateġika stabbilita mis-Summit u t-tmexxija politika mil-laqgħat ministerjali, il-Pjattaformi issa huma ristrutturati bħala fora transsettorjali f'konformità mal-erba' oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni miftiehma fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Riga fl-2015. Dawn ser iservu ta' interfaċċa bejn il-Bordijiet (fejn ser isiru diskussjonijiet profondi) u l-Laqgħat tal-Uffiċjali Għolja (li ser jipprovdu l-gwida ġenerali, jisiltu sinerġiji u jissorveljaw il-proċess b'mod ġenerali). Il-pjattaformi ser jagħtu tmexxija politika lill-ħidma tal-Bordijiet u jirrapportaw lura lil-Laqgħat tal-Uffiċjali Għolja. Din l-arkitettura tas-Sħubija tal-Lvant ser titħaddem permezz ta' proċess inklużiv u orjentat lejn ir-riżultati. L-UE u l-pajjiżi sħab ser jaqblu dwar pjan ta' ħidma u metodoloġija ffokati fuq it-tweqqif, partikolarment l-20 riżultat għall-2020. Is-soċjetà ċivili, inkluż fejn rilevanti s-sħab soċjali u l-komunità tan-negozju, ser ikunu involuti bis-sħiħ fil-proċess imġedded u fit-tweqqif ta' dawn ir-riżultati.
